MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 2687/1996/1

**Gerald Formosa u martu Victoria Salvina sive Vivienne**

**v.**

**Simon Scerri u martu Josephine nee Mintoff u Jesmond Xerri u martu Marthese nee Pace**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni presentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Settembru, 1996 l-atturi ppremettew illi l-konvenuti ghandhom jaghtu lill-atturi s-somma ta'

LM5,000 (hamest elef liri maltin) dovuti bhala parti minn prezz ta’ bejgh ta’ stock li jikkonsisti f’oggetti li ghandhom x’jaqsmu ma’ negozju ta’ stationery u bazaar, oggetti ta’ ghamara u mobbli u l-attrezzi kollha li kien hemm fil-hanut maghruf bhala “Mary” f’Saint Francis Street, Hal Balzan u dan ai termini ta’ skrittura privata datata 4 ta’ Marzu 1996 (Dok.A); illi l-partijiet kienu ftehmu fuq il-prezz ta’ LM8,000 (tmient elef liri Maltin) u l-konvenuti obbligaw ruhhom li jhallsu lill-bejjiegha fi tlett pagamenti, u cioe` LM1000 (elf liri Maltin) jithallsu sa l-ahhar ta’ Marzu 1996; LM2,000 (elfejn lira maltin) jithallsu sa l-ahhar ta’ April, 1996; u l-LM5,000 (hamest elef liri matin) jithallsu sa Mejju, 1996 u dan ai termini ta’ l-iskrittura privata fuq imsemmija; u billi l-konvenuti hallsu tlett elef liri (LM3,000) u f’Lulju, 1996 baghtu ‘cheque’ ta’ LM3,300 ghas-saldu tal-kreditu dovut lill-atturi, liema cheque gie rifjutat stante li ma kienx jkopri l-ammont dovut skond l-istess skrittura, u billi minkejja interpellati l-konvenuti baqghu inadempjenti; talbu li dik il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ LM5,000 dovuti bhala bejgh ta’ stock li jikkonsistu f’oggetti li ghandhom x’jaqsmu man-negozju ta’ stationery u bazaar, oggetti ta’ l-ghamara u mobbli u l-attrezzi kollha li kien hemm fil-hanut maghruf bhala “May” f’Saint Francis Street, Balzan kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 2 ta’ Mejju, 1996 u 4 ta’ Gunju, 1996 u bl-imghaxijiet kummercjali mill-ahhar ta’ Mejju 1996, kontra l-konvenuti li jibqaw ingunti ghas-subizzjoni.

B’nota tas-27 ta’ Jannar, 1998 il-konvenuti eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok il-bilanc attwalment dovut lill-atturi huwa ta’ elf seba’ mija u erbgha u tletin lira (LM1,734.00) u mhux ta’ hamest elef lira kif allegat.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex in segwitu ta’ l-iskrittura privata tal-4 ta’ Marzu,

1996 irrizulta illi l-mobbli u l-oggetti nkluzi fil-bejgh in kwistjoni ma kienux jappartjenu lill-atturi u l-esponenti kienu kostretti li jergghu jakkwistaw u jhallsu ghal dawn l-oggetti u attrezzaturi minghand is-sidien attwali taghhom bil-prezz ta’ elf u mitejn lira (LM1,200). “Ghaldaqstant l-esponent jippretendi li jigi l-prezz pattwit mal-atturi ghandu jitnaqqas in linea ta’ danni minnu sofferti u qieghed jippresenta kontestwalment talba rikonvenzjonali.”

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat ukoll illi irrizulta illi l-istock konsenjat lill-eccipjenti kien ferm anqas minn dak muri lilhom matul in-negozjati li saru qabel il-bejgh u kien proprju ghalhekk illi l-esponenti zammu lura pagament ta’ elf seba’ mija u erbgha u tletin lira (LM1,734.00) liema ammont jirrispekkja il-valur tal-istock nieqes li ma giex konsenjat lilhom.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti fejn ippremettew illi skond skrittura privata tal-4 ta’ Marzu, 1996 il-konvenuti xtraw minghand l-atturi l-istock kollu gol-hanut maghruf “Panelrama” fi Triq San Frangisk, Hal Balzan liema stock kien jinkludu ukoll oggetti tal-ghamara, mobbli u attrezzi kollha, kollux inkluz u xejn eskluz, fl-istess hanut u dan versu l-prezz pattwit ta’ tmien telef lira (LM8,000); illi in segwitu tal-fuq imsemmi ftehim u l-konsenja tac-cwievet relattivi, irrizulta illi l-istock in kwistjoni kien ferm anqas minn dak li kien originarjament muri lill-esponenti tant illi filwaqt illi l-atturi kienu accertawhom illi kien hemm b’kemm jiswa erbtax-il elf (LM14,000) lira stock “at cost”, l-esponenti sabu biss stock b’valur ta’ cirka sitt elef u tlett mitt lira (LM6,300) kif jigi pruvat ahjar matul il-kawza; illi rrizulta ukoll illi l-oggetti mobbli u attrezzi fl-imsemmi hanut ma kienux jappartjenu lill-attur izda lil socjeta` Rabat Plant Limited u liema oggetti l-esponenti kienu kostretti jixtru minghand l-istess sidien versu l-prezz ta’ elf u mitejn lira (LM1,200); illi li kieku l-fatti fuq premessi rrizultaw qabel ma gie konkjuz il-ftehim l-istanti ma kienux jaccettaw il-prezz pattwit ta’ tmien telef lira (LM8,000) u huwa evidenti li kwantu ghall-oggetti l-atturi naqsu li jiggarantixxu l-pacifiku pussess u/jew agixxew b’mod zbaljat u/jew doluz bil-konsegwenza illi l-esponenti sofrew danni; il-konvenuti ghalhekk talbu li dik il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti mobli, ghamara u attrezzi li gew konsenjati lilhom mill-atturi fil-hanut “Panelrama”, Triq San Frangisk, Hal Balzan, fid-data tal-iskrittura tal-4 ta’ Marzu 1996, kienu jappartjenu lil terzi u mhux lill-atturi prevja jekk mehtieg dikjarazzjoni illi l-atturi naqsu li jiggarantixxu l-pacifiku pussess ta’ dawn il-mobbli u/jew l-atturi agixxew b’ghemil doluz u/jew zbaljat;

2. tiddikjara u tiddecidi illi l-kumplament tal-istock fl-istess hanut kien inferjuri fil-kwantitajiet tieghu ghal dak pattwit bejn il-kontendenti;

3. tirriduci l-prezz pattwit fl-imsmmija skrittura, okkorrendo in linea ta’ likwdazzjoni ta’ danni rappresentanti kemm il-valur tal-oggetti u mobbli in kwistjoni li ma kienux jappartjenu lill-atturi kif ukoll l-parti l-ohra tal-istock li rrizultaw neqsin mal-konsenja tac-cwievet tal-imsemmi hanut;

4. tikkundanna lill-atturi ihallsu lill-istanti dik is-somma stabbilita u likwidata skond it-tielet talba.
Bl-ispejjez kontra l-atturi li jibqghu minn issa ngunti biex jidhru personalment in subizzjoni.

B’nota ppresentata fl-20 ta’ Frar, 1998 l-atturi ressqu s-segwenti eccezzjonijiet ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-valur veru ta’ l-istock inkluz ghamara, mobbli u attrezzaturi tal-atturi kien ferm superjuri mill-prezz pattwit bejn il-partijiet ta’ tmint elef liri maltin (LM8,000), kif jigi pruvat ahjar matul il-kawza.

2. Illi l-partijiet ftehmu fuq il-prezz ta’ tmint elef liri ta’ Malta (LM8,000) wara illi l-konvenuti kienu spezzjonaw il-kwantita` ta’ stock li kien hemm fil-hanut bl-isem “Panelrama” tlett darbiet qabel ma gie konkjuz in-negozju.

3. Illi l-atturi kienu indikaw kjarament lill-konvenuti liema ghamara kienet tappartjeni lilhom u liema kienet tapartjeni lis-socjeta` Rabat Plant Limited, kemm meta kienu saru l-ispezzjonijiet fil-hanut u anki meta l-partijiet kienu ghamlu l-iskrittura datata 4 ta' Marzu, 1996 ricevuta min-Nutar Carmel Martinelli, kif jista' jikkonferma bil-gurament in-Nutar stess u anki kif jidher mid-dokument datat 22 ta'Dicembru, 1996 hawn anness bhala Dok SS1.

4. Illi mhux minnu illi mal-konsenja tac-cwievet kien hemm anqas stock kif qed jallegaw il-konvenuti. Fil-fatt, meta l-partijiet kienu qabblu fuq il-prezz ta' tmint elef liri maltin (LM8,000) dawn kienu fil-hanut "Panelrama" u ghalhekk kieku lis-stock kien anqas dan kien ikun evidenti ghall-konvenuti.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-31 ta' Mejju, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza bil-mod segwenti:-

"*fir-rigward tac-citazzjoni attrici, din il-Qorti, taqta' u tiddecidi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' it-talbiet attrici limitatament ghas-somma hawn indikata stante pagament ta' parti mis-sorte fil-mori tal-kawza, b'dan li:-*

*1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf u seba' t'elef* [recte 'mitt'] *lira maltin (LM1,700) dovuti bhala bilanc ghall-bejgh ta' stock li jikkonsistu f'oggetti li ghandhom x'jaqsmu man-negozju ta' stationery u bazaar, oggetti ta' ghamara u mobbli u l-attrezzi kollha li kien hemm fil-hanut maghruf bhala "May" f'Saint Francis Street, Hal-Balzan kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.*

*Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 2 ta' mejju 1996 u 4 ta' Gunju 1996 u bl-imghax kummercjali mill-ahhar ta' Mejju 1996 sal effettiv pagament kontra (l-) konvenuti.*

*Illi konsegwentement u ghal dawn il-motivi, u ghar-rigward il-kontro-talba tal-konvenuti, din il-Qort taqta' u tiddecid, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti, tichad l-istess kontro-talba tal-konvenuti fit-talbiet kollha taghha, stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjes kollha tal-istess kontro-talba a karigu ta' l-istess konvenuti.*

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ippresentat fit-18 ta' Gunju, 2001 interponew appell quddiem din il-Qorti fejn talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza u minflokk joghgobha tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-appellanti kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Fir-risposta taghhom l-attur appellati talbu li l-apell jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjes.

L-aggravji tal-konvenuti appellanti huma principalment tnejn u cioe:-

1. Illi ghal dak li jikkoncerna l-ghamara l-ewwel qorti applikat hazin il-principji legali relattivi ghall-interpretazzjoni tal-kuntratti u dana billi ghaddiet biex tezamina x-xewqa tal-kontendenti meta l-kitba kienet tant cara li ma tippermettix interpretazzjoni.

2. Ghal dak li jikkoncerna l-ammont ta' 'stock' mertu tat-transazzjoni qed jinghad li mill-"istock take" li sar mill-konvenuti l-pretensjoni tal-konvenuti tirrizulta pruvata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Huwa generalment rikonoxxut li kuntratt maghmul skond il-ligi ghandu sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluh u konsegwentement mhux permess li tinghatalu

interpretazzjoni biex tigi stabbilita l-intenzjoni tal-partijiet meta l-kliem tal-konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, ikun car. (Artikolu 1002, Kap 16). F'dan il-kuntest qed jigi sottomess mill-appellanti li l-ewwel Qorti kienet zbaljat meta ghaddiet biex tinterpreta l-intenzjoni tal-partijiet ta' dak kontenut fl-iskrittura tal-4 ta' Marzu, 1996 billi, skond il-konvenuti appellanti, din l-iskrittura hija cara u ghaldaqstant ma tehtieg ebda interpetazzjoni. Konsegwentement, skond l-appellanti, ix-xhieda mressqa mill-atturi biex tintwera l-intenzjoni tal-partijiet fir-rigward ta' x'kien qed jinbiegh f'dik l-okkazzjoni mhux ammissibbli bhala prova kontra l-kitba. Qed jinghad ghalhekk li gialadarba l-kuntratt kien jikkontempla specifikatament mhux biss il-bejgh ta' l-"*oggetti li ghandhom x'jaqsmu man-negozju ta' stationery u bazaar,*" izda kien ukoll ikopri "*l-ghamara u l-mobbli u l-attrezzi kollha li jezistu, kollox inkluz u xejn eskluz,"* kemm-il darba rrizulta li l-ghamara ma kinitx kollha ta' l-atturi, il-kontro-talba taghhom ghal dak li jikkoncerna r-rifuzjoni tan-nefqa li huma kellhom jaghmlu biex jixtru l-ghamara minn sid il-hant, kellha tigi milqugha u l-qorti ma setghet qatt tezamina l-intenzjoni tal-partijiet biex tara ezattament x'kien jew x'ma kienx inkluz fil-bejgh.

Dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa li l-kliem tal-iskrittura tal-4 ta' Marzu, 1996 huwa car u ghalhekk ma jippermetti ebda interpretazzjoni. Din il-Qorti pero`, ezaminati l-atti u x-xhieda tal-kontendenti, partikolarment dik ta' Jesmond Xerri, ma tistax tikkondividi dan il-hsieb. Infatti, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti "*id-dicitura fl-istess ftehim tal-4 ta' Marzu, 1996 forsi ma hijiex daqshekk felici rigwardanti 'l-oggetti tal-ghamara, mobbli u attrezzi kollha".* L-ewwel qorti ghamlet din l-osservazzjoni meta rrizultalha li l-ftehim ta' bejn il-partijiet redatt fl-iskrittura fuq imsemmija, ghalkemm isemmi ghamara u attrezzi, fir-realta` jirrizulta li l-prezz konvenut, kien jikkoncerna l-istock biss. Infatti mix-xhieda kollha mressqa mill-partijiet jirrizulta bl-aktar mod car li l-prezz ta' LM8,000 kien valur ta' stock li kien qed jinbiegh mill-atturi lill-konvenuti u bl-ebda mod fih ma kien jinkludi xi prezz jew valur ta' ghamara jew attrezzi. Dan jidher car mis-segwenti brani mix-xhieda ta' Jesmond Xerri:

"*Konna rajna l-hanut, bl-istock go fih, qalulna li kienu bil-kera. Ahna ghaddnielu ukoll li konna interessati nixtru l-hanut u Formosa qalilna li* <u>*dement li niehdu l-istock*</u> (sottolinear tal-Qorti) *huwa kien lest li jressaqna ma sid il-hanut.*"

Dan ix-xhud, wara li qal li Formosa kien effettivament ressaqhom mas-sid tal-hanut u ftehmu l-prezz ghall-akkwist tal-bini, kompla hekk:-
"*F'temp ta' jumejn konna wasalna wkoll fi ftehim ma Gerardu Formosa* <u>*dwar il-bejgh tal-istock gol-hanut.*"</u> (sottolinear tal-Qorti)

Dwar in-negozjati fuq l-istock Xerri kompla hekk:-
"*Gerardu Formosa kien tani l-kelma tieghu illi fil-hanut kellu stock b'valur ta' erbatax-il elf lira (LM14,000) u li, bona grazzja tieghu, kien lest li jnaqqas il-VAT, ghax din kienet bil-ligi, u jaghtiulna nofs prezz ….* <u>*Il-prezz ta' tmien telef lira inhadem a bazi ta' dan li ghadni kif semmejt.*"</u> (sottolinear tal-Qorti).

Minn din ix-xhieda jidher li l-kliem tal-kuntratt fuq imsemmi ma kien car xejn billi l-prezz kien jikkontempla biss stock u xejn aktar. Isewgi li dan l-aggravju mhux gustifikat in kwantu l-ewwel qorti kienet fid-dmir li tezamina ezattament dak li riedu jghidu l-partijiet u dana bl-applikazzjoni ta' dak li hemm kontenut fl-Artikolu 1003 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li *"Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partijiet.*" Jidher inoltre li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament gust tal-fatti li ngiebu quddiemha.

Dwar il-valur ta' l-istock din il-Qorti ma tarax kif l-aggravju mressaq mill-konvenuti jista` b'xi mod ikun gustifikat. Jirrizulta li qabel ma giet iffirmata l-iskrittura tal-4 ta' Marzu 1996 ma sarx inventarju tal-effetti li kienu jinsabu fil-hanut u li l-partijiet akkordaw il-prezz ta' LM8,000 ghal dak kollu li kien jidher fil-hanut. Wara li ntlahaq dan il-ftehim il-hanut gie maghluq b'mod li ebda wiehed mill-kontendenti ma kellu access ghall-hanut. Il-fatt li wara li gie konkjuz il-

ftehim irrizulta, skond il-konvenuti, kwantita` anqas jew ahjar valur ta’ merkanzija inferjuri ghal dak miftiehem, b’ebda mod ma jvarja l-ftehim milhuq. Inoltre, kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, kull inventarju li seta’ sar mill-konvenuti wahedhom wara l-iffirmar tal-iskrittura, ma jista’ qatt jingieb bhala prova ta’ dak allegat mill-konvenuti stante li l-atturi ma nghatawx l-opportunita` li jikkontrollaw li “stock take”.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------